**5 ta' Mejju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mario Mifsud

**Talba għas-Sospensjoni ta' l-Esekuzzjoni tas-Sentenza - Nuqqas ta' Tali Talba - Talba għal Ħlas Rateali - Sentenza ta' Priġunerija Sospiża.**

*Il-ġurisprudenza pparifikat in-nuqqas ta' talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-Artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali ma' l-akkwijixjenza, liema akkwijixjenza hija in konflitt mal-volontà li wieħed jappella. Però l-akkwijixjenza mhux neċessarjament u invarjabbilment issegwi meta jkun hemm talba għal ħlas rateali ta' multa.*

*Sentenza ta' priġunerija sospiża mhix eżegwibbli immedjatament, u għalhekk ma hemm ebda inkompatibilità bejn in-nuqqas ta' talba skond l-artikolu 416 u l-appell limitatament għal din il-piena.*

*Ebda ftehim li jista' talvolta jintlaħaq bejn il-prosekuzzjoni u l-imputat jew akkużat dwar il-piena ma jista' qatt jorbot lill-Qorti fil-għoti tal-piena. Il-Qorti ma għandha qatt, qabel ma tingħata s-sentenza, b'xi mod tesprimi ruħha dwar il-piena, la kameralment, u anqas fil-Qorti bil-miftuħ.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba b'ċitazzjoni f'isem il-Kontrollur tad-Dwana kontra Mario Mifsud;

*Omissis*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Frar, 1994;

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Mifsud ta' l-4 ta' Frar, 1994 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-1 ta' Frar, 1994 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali f'dik li hija ħtija però tħassar il-piena inflitta u tissostitwiha b'piena aktar adatta

għall-partikolarijiet tal-każ, u tittratta miegħu bħala *first offender* billi timponi fuqu biss piena pekunjarja;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża inkluż il-verbal irreġistrat fl-udjenza tat-3 ta' Mejju, 1994 mill-appellant fis-sens li wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati li minnha qed isir dan l-appell hu ma għamilx it-talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza; kif ukoll l-eċċezzjoni ssollevata mill-Avukat Ġenerali u rreġistrata f'dik l-istess udjenza li, *in vista* tal-verbal ta' l-appellant, l-appell tiegħu għandu jiġi ddikjarat irritu u null;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-preġudizzjali tan-nullità u irritwallità ta' l-appell minħabba l-mankanza tat-talba għas-sospenzjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza skond l-Artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali, jidher li l-ġurisprudenza pparifikat tali mankanza ma' l-akkwijixxjenza, liema akkwijixxjenza hija in konflitt mal-volontà li wieħed jappella (ara **Il-Pulizija v. Moses Bugeja u Edward Grech**, App. Krim. 28/1/94; **Il-Pulizija v. Franġisk Borg**, 18/1/41, Vol.XXXI.IV.391; **Il-Pulizija v. Alfred Ancilleri u John Cauchi,** App. Krim. 10/12/92). Ta min jinnota, però li l-akkwijixxjenza mhux neċessarjament u invarjabbilment issegwi meta jkun hemm talba għal ħlas rateali ta' multa. In fatti, fil-kawża **Il-Pulizija v. Raoul Beraha,** 11/10/47, Vol. XXXIII.IV.632, kien ġie deċiż li meta l-imputat misjub ħati jitlob li jħallas b'rati, il-piena li għaliha ġie kkundanat u fl-istess ħin jitlob il-permess (kif jidher li kienet il-liġi f'dak iż-żmien) biex jappella, ma jkunx jista' jingħad li huwa akkwijexxa għas-sentenza u ma jkun hemm ebda nullità u irritwalità fir-rikors ta'

l-appell tiegħu. Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija v. Silvio Grima** tat-13/7/1993 din il-qorti irriteniet li għalkemm bit-talba għażżmien għall-ħlas tal-multa l-appellant kien akkwijexxa għall-ħtija u għas-sentenza, minkejja dan, din il-Qorti kienet laqgħet parti mill-appell rigwardanti parti mill-piena li, kif ġie rritenut, l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tinfliġġi. Issa, kif ġie ritenut fil-kawża **Il-Pulizija v. Moses Bugeja u Edward Grech**, ġa ċċitata, "waħda mill-karatteristiċi tal-proċess penali fis-sistema tagħna huwa, illi kif appena tingħata sentenza, **ħlief jekk ikun hemm previst mod ieħor fl-istess sentenza jew xi mkien ieħor fil-liġi,** dik is-sentenza għandha tiġi eżegwita immedjatament" (emfasi miżjuda). Fil-każ in diżamina l-appellant Mifsud mhux qed jappella kwantu għall-ħtija, iżda limitatament għall-piena li f'dan il-każ kienet tikkonsisti f'multa, konfiska u priġunerija sospiża. Kwantu *għall-multa* u *għall-konfiska l-appell odjern* mhux sostenibbli fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ġa ċċitata; iżda kwantu għas-sentenza ta' priġunerija sospiża, proprju peress li l-priġunerija in kwistjoni hi sospiża u mhux eżegwibbli immedjatament, din il-Qorti ma tara ebda inkompatibbilità bejn in-nuqqas ta' talba skond l-artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali u l-appell *limitatament* għall-din il-piena ta' priġunerija; u f'dan is-sens qiegħda tiddeċidi u tiddisponi kwantu għall-preġudizzjali ssollevata mill-Avukat Ġenerali;

Ikkunsidrat fil-meritu:

*Illi* l-aggravju ta' l-appellant hu limitat għall-piena u jikkonsisti filli, skond hu, kien sar ftehim bejnu u bejn il-prosekuzzjoni fis-sens li hu kellu jammetti l-akkuża u jingħata jew il-multa biss, jew sentenza sospiża biss (f'termini ta' priġunerija ukoll mifthema mal-prosekuzzjoni). Infatti fir-rikors ta' l-appell tiegħu l-appellant jgħid testwalment ". . . wara kollox

l-esponenti u l-prosekuzzjoni laħqu ftehim dwar l-andament tal-proċeduri u l-piena fis-sens illi huwa kellu jammetti l-akkużi dedotti kontrih u jingħata l-piena msemmija. *Di fatti* tant l-esponenti ġie indott f'dan il-ftehim li ma ħassx il-ħtieġa li jikkonsulta ruħhu ma' avukat għalkemm din kienet l-ewwel okkażjoni tiegħu li qatt resqitu lejn il-ġustizzja;

Din il-Qorti tittama li din hija l-ewwel u l-aħħar darba li tara sottomissjonijiet bħal dawk riprodotti fil-paragrafu preċedenti. Ebda ftehim li jista' talvolta jintlaħaq bejn il-prosekuzzjoni u l-imputat jew akkużat dwar il-piena ma jista' qatt jorbot lill-Qorti fil-għoti tal-piena; anzi kull Qorti ta' ġustizzja kriminali għandha tassigura li b'ebda mod ma tagħti x'tifhem li qiegħda tissanzjona, wisq anqas taqbel, ma' tali ftehim. U tabilħaqq ikun abbuż li kieku l-prosekkuzjoni tagħti x'tifhem lill-imputat jew akkużat li hemm jew jista' jkun hemm xi ftehim mal-Qorti dwar il-piena. Il-prosekuzzjoni tista' - - għalkemm dana għandu jsir bl-akbar kawtela sabiex ma jingħatax lok ta' suspett ta' favoritiżmu jew abbuż - - fil-każijiet kongrui, u preferibbilment dejjem fuq inizjattiva ta' l-imputat jew akkużat, tavża lill-istess imputat, jew akkużat, jew lid-difensur tiegħu li hi bi ħsiebha tieħu linja partikolari dwar il-piena, bħal per eżempju, li ma tinsistix fuq ċertu tip ta' piena jew li taqbel mad-difiża meta din titlob xi provvediment partikolari skond il-liġi. Iżda ċertament il-Qorti ma għandha qatt, qabel ma tingħata s-sentenza, b'xi mod tesprimi ruħha dwar il-piena, la kameralment, u anqas fil-Qorti bil-miftuħ. Dan qed jingħad mhux għax f'dan il-każ kien hemm xi espressjoni ta' opinjoni simili min-naħa ta' l-ewwel Qorti (anqas l-appellant ma hu qed jallega dan) iżda biex tagħmilha ċara li dana l-ilment ta' l-appellant hu wieħed ażżardat għall-aħħar u kważi jirrażenta d-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u kważi jimmerita wkoll l-applikazzjoni ta' l-artikolu 429(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Jidher, però, li l-appellant ma ħax il-parir legali li kellu jieħu, kif jistqarr hu stess fir-rikors ta' l-appell, għax kieku ħa tali parir l-avukat kien żgur jgħidlu li ġaladarba hemm it-tabakk involut, il-piena karċerarja hi tassattiva;

Il-Qorti tinnota li skond il-verbal li hemm fl-atti u li jġib id-data tal-1 ta' Frar, 1994, l-appellant kien talab lill-ewwel Qorti, u din akkordatlu, li jħallas ratealment. B'tali talba l-appellant kien akkwijexxa għal dik li hi piena, u dana skond il-ġurisprudenza ġa ċċitata;

Tibqa' għalhekk biex tiġi kkonsidrata biss il-piena ta' xahar priġunerija sospiża għal sena. Skond l-artikolu 28I(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali ma jista' jsir ebda appell dwar il-perijodu operattiv. Kwantu għall-piena ta' xahar priġunerija din il-Qorti ma tara li hemm ebda raġuni, tenut kont speċjalment tan-numru ta' arloġġi ta' l-idejn, li tvarja d-deskrizzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' din il-piena;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Din il-Qorti qiegħda għal kull *buon fini* tirrileva s-segwenti:

(a) peress li ma kien hemm ebda talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza, il-perijodu għall-ħlas tal-multa beda jiddekorri minnufih u għalhekk l-ewwel pagament kellu jsir fl-aħħar ta' Marzu, u l-Qorti, wara li rat l-artikolu 666 (2) u 14 (2) tal-Kodiċi Kriminali, tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur sabiex jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tinġabar din il-multa;

(b) għall-istess raġuni, il-perijodu operattiv (ta' sena) tas-

sentenza sospiża beda jiddekorri mill-ewwel ta'Frar, 1994, ċjoè mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti; u

(c) il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur sabiex dana jagħmel l-annotazzjonijiet opportuni fir-reġistru miżmum għall-finijiet ta' sentenzi sospiżi.